# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2242

**Kaz Numru 3091/CC**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Emanuel Pace ID: 19956 (M)**

**u**

**Y.P. Marketing (Malta) Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**Chairman : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 2 t'Ottubru, 2013**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Emmanuel Pace fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar is-7 ta' Dicembru, 2012, fejn sostna li l-impieg tieghu gie terminat minghajr ebda raguni valida fil-ligi u b'mod ingust. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret minhabba ragunijiet serji ta' dixxiplina.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Emanuel Pace li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kellu l-assitenza ta' Dr. Joe Brincat.

Y.P. Marketing (Malta) Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Raymond Gauci assistit minn Dr. Robert Abela.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *heavy crane driver* sa mit-18 t'Ottubru, 2004.

Fit-2 ta' Lulju, 2007, huwa nghata *warning* minhabba certi nuqqasijiet fosthom ghaliex irrifjuta li jidhol ghax-xoghol qabel il-hin normali u cjoe fis-06.00, ghaliex qabad u  zarma hgiega tal-genb ta' krejn minghajr awtorizzazzjoni u wkoll ghaliex ma rrapurtax ghax-xoghol il-Hadd 30 ta' Gunju, 2007, minkejja li kien hemm qbil dwar dan.

Fit-30 ta' Novembru, 2009, l-Appellant inghata *warning* iehor wara li huwa kien involut f'argument ma' kollega fejn kien hemm imbuttar.

L-impjieg tal-Appellant gie mitmum nhar it-22 t'Ottubru, 2012, wara li jumejn qabel kellu argument mal-*Manager* Michael Gauci li jigi wkoll iben il-Principal tal-azjenda.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Michael Gauci** xehed li huwa *Manager* mas-Socjeta' ntimata, fejn missieru Raymond Gauci huwa l-principal. Spjega li huwa jaf lill-Appellant bhala *mobile crane operator* u stqarr li regolarment kien ikollu hafna argumenti mieghu fuq *issues* relatati max-xoghol. Argumenti li kienu karatterizzati b'hafna ghajjat u dagha min-naha tal-Appellant.

Semma li shabu kienu jilmentaw diversi drabi dwar il-mod kif kien jopera l-krejn l-Appellant fejn irrefera b'mod partikolari ghall-incident fejn l-Appellant kien qieghed isuq il-krejn u kagun tal-mod kif l-Appellant kien qieghed jopera , ghal ftit ma kkagunax incident li seta' kellu konsegwenzi gravi fuq sahhet shabu li kienu qed jahdmu fl-gholi.
Ix-xhud irrakkonta kif sehh l-argumentar bejnu u l-Appellant li eventwalment kien wassal ghat-tmiem tal-impieg tieghu. Spjega li l-gurnata kienet is-Sibt 20 t'Ottubru, 2012, fejn l-Appellant kien qieghed jahdem bis-sahra. Ix-xhud iddeskriva dak il-jum bhala gurnata normali fejn bdew fis-7.00 u wara li lestew ix-xoghol mix-Xemxija telqu lejn il-*yard* ta' Burmarrad, fejn wara ippancjaw ghal habta tal-17.00. Spjega kif wara huwa kien wassal lill-Appellant sal-karozza tieghu li kienet f'*yard* ohra boghod madwar 10 minuti mixi. Stqarr li l-imgieba tal-Appellant f'dak il-hin kienet wahda ta' rabja b'hafna ghajjat u nsulti, ghaliex kien ippretenda li kellu jwasslu qabel.
Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi ddeskriva l-atteggjament generali tal-Appellant lejn missieru bhala wiehed ta' nuqqas ta' rispett.

**Stephen Bugeja** xehed li x-xoghol tieghu mas-Socjeta' ntimata huwa li jarma t-*tower cranes*, fejn ilu jahdem madwar sitt snin. Iddeskriva r-relazzjoni ma' l-Appellant fuq ix-xoghol bhala 'gieli tajba u gieli hazina'.
Ix-xhud kompla billi ta'd-dettalji ta' kif kienu jaslu fuq il-lant tax-xoghol mill-*yard* gewwa Burmarrad, fejn wara li jlestu kienu jirritornaw lura generalment akkumpanjati mill-imghallmin sabiex jifthulhom il-grada.
Ix-xhud ta' deskrizzjoni ta' l-argument li kien inqala bejn l-Appellant u Michael Gauci nhar is-Sibt 20 t'Ottubru, 2012, fejn l-Appellant kien irrifjuta li jsuq *high-up* fuq il-lant tax-xoghol gewwa x-Xemxija, liema argumentar kompla anke meta waslu Burmarrad.
Ix-xhud filwaqt li stqarr li huwa personali qatt ma gie mgieghel jaghmel sahra bil-fors, qal li qatt ma sema lill-Appellant jilmenta li qed jigi mgieghel jaghmel sahra bil-fors. Kompla li l-Appellant gieli lmenta li mhux ituh sahra bizzejjed.
Ix-xhud kompla li gieli lmenta ma' l-Appellant u anke ma' l-imghallmin dwar il-mod kif l-Apppellant kien ihaddem il-krejn, fejn xi drabi l-atteggament tal-Appellant kien ikun wiehed ta' ghajjat u kliem hazin.
Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li meta huwa u l-lavrant kienu jkunu mehtiega li jidhlu *overtime* il-Hadd sabiex isir *service* fuq xi vettura , huwa kien jinghata c-cwievet tal-*gate,* ghaliex hadd mill-imghallmin kien ikun prezenti.

**Emanuel Pace** l-Appellant xehed li huwa kien jahdem mas-Socjeta’ ntimata bhala *crane operator*, fejn gie mitmum l-impieg tieghu f’Ottubru 2012. Ix-xhud informa li huwa dam minghajr impieg ghal xahar fejn wara qabad jahdem ukoll bhala *crane operator*, u dan bi tnaqqis fis-salarju tieghu. Huwa spjega li mas-Socjeta’ ntimata huwa kellu salarju ta €600 kull gimghatejn filwaqt li illum ghandu €400 ghall-istess perjodu.
Meta muri dokument datat 22 t’Ottubru, 2012, li jindika xi hlas ta’ pagamenti, x-xhud filwaqt li kkonferma li l-pagamenti ndikati rcevihom, huwa cahad li huwa kien iffirma tali dokument u nsista li l-firma li tidher fuqu ma kienetx tieghu. Meta rega’ gie mistoqsi l-istess domanda f’seduta ohra x-xhud wiegeb li jista’ jkun li l-firma hija tieghu.
Meta muri t-*termination form* tal-ETC ix-xhud ikkonferma li l-firma fuq id-dokument hija tieghu. Fejn l-istess konferma rega’ ghamilha meta gie muri *written warning* datat 30 ta’ Novembru, 2009.
F’dan l-istadju x-xhud stqarr li huwa gieli mela karti relatati max-xoghol tal-*crane* u kien jiffirmahom wiehed mit-tfal tal-Principal u cjoe David Gauci.
F’seduta ta’ wara l-Appellant ipprezenta dokumenti li jindikaw kemm kellu salarju mas-Socjeta’ ntimata u kemm ghandu salarju fl-impjieg attwali. Spjega li mas-Socjeta’ ntimata kienu jaghtuh 500 Liri Maltin fis-sena bhala *bonus* ghaliex kien jiehu hsieb in-nies.
Meta mistoqsi mit-Tribunal dwar it-twissijiet li kien jaghtih is-Sur Ray Gauci dwar il-mod li bih kien jopera l-krejn, ix-xhud ikkonferma li xi kultant Ray Gauci kien ikellmu fl-ufficcju meta kien jaghmel xi zball, pero qatt ma gie ammonit li kagun ta’ xi zbalji seta’ jigi mkecci mix-xoghol.

**Andre Zahra** xehed illi huwa Direttur ta’ Zahra Trading li hija nvoluta fix-xoghol ta’ kostruzzjoni. Ix-xhud qal li lill-Appellant Pace sar jafu meta lejn l-ahhar ta’ Ottubru, 2012, huwa kien talbu sabiex jahdem mieghu bhala *crane driver*. Qal li kienu ftehmu li jaghtih €200 paga fil-gimgha. Spjega kif l-Appellant beda x-xoghol gimgha wara, fejn hadem it-Tnejn u t-Tlieta u fejn gharrfu li fit-tlett ijiem ta’ wara ma setax jahdem ghaliex ried imur l-isptar. Kompla li l-ghada cjoe l-Erbgha iltaqa’ mieghu isuq *truck* tal-kumpanija Roc a Go u allura ikkonkluda li x-xoghol mieghu m’ghogbux. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li l-Appellant gie ghall-paga l-Gimgha fejn hallsu tal-jumejn li kien hadem.

**Raymond Gauci** xehed li huwa *Managing Director* tas-Socjeta' ntimata fejn ilu jokkupa l-kariga ghal dawn l-ahhar 9 snin. Spjega li huwa kien ingagga lill-Appellant sabiex isuqlu krejn tas-70. Barra s-sewqan tal-krejn, ix-xhud qal li kien intriga wkoll lill-Appellant sabiex jiehu hsieb l-impjegati fuq il-lant tax-xoghol u ta' dan kien ihallsu *extra*.
Kompla x-xhud li l-atteggament tal-Appellant mal-impjegati ma kien tajjeb xejn u kien ikollu hafna lmenti minghand il-haddiema. Dan wassal, kompla x-xhud sabiex l-Appellant ma jibqax jiehu hsieb l-impjegati pero l-hlas *extra* baqa' jaghtihulu xorta.
Ix-xhud kompla li spiss kien ikellem lill-Appellant dwar l-atteggament tieghu, fejn min-naha tieghu kien jaghmel perjodu kwiet pero' wara jerga' ghal li kien. Spjega li anke lil uliedu li kienu jahdmu mieghu kien jittrattahom hazin. Spjega li f'xoghlu kien goff fejn xi drabi werwer impjegati li jkunu mdendlin bil-krejn.
Ix-xhud kompla li l-Appellant kien jahdem l-*overtime* u kien jilmenta meta ma kienx ikun hemm xoghol li jirrekjedi sahra. Spjega li tul l-andament taz-zmien kienu bosta d-drabi fejn huwa wissa verbalment lill-Appellant u anke tah twissijiet bil-kitba. Ix-xhud ghadda biex ta' dettalji ta' x'wassal ghal *warnings* bil-miktub.
Mistoqsi mit-Tribunal dwar li fatt li mix-xhieda hareg li l-Appellant gie deskritt bhala li spiss kien jopera l-krejn b'certu guffagni, tant li kien jipperikola sahhiet shabu, pero' filwaqt illi fuq *issues* ohrajn inghata *'warnings'* bil-miktub, kif allura fuq dan l-agir kien idahhlu fl-ufficcju u jkellmu bil-kwiet. Ix-xhud wiegeb li huwa ma riedx jidhol f'konflitti mall-Appellant ghaliex haseb li seta' jgib ruhu aktar hazin. Stqarr li kien hemm okkazjoni ohra biss fejn huwa kien kecca mpjegat u dan wara li kien skarta minn fuq ix-xoghol.

**Mario Vella** xehed li hadem mas-Socjeta' ntimata ghal madwar seba' snin u jaf lill-Appellant bhala *Crane Operator*. Iddeskriva l-attitudni tal-Appellant fuq ix-xoghol bhala f'xi drabi tajba u f'ohrajn kien jghajjat kemm mall-haddiema u anke mall-imghallmin. Spjega li jaf lill-Appellant bhala *Crane Operator* tajjeb, pero' kien jopera l-krejn b'certu hasdiet meta kien jiskurmenta. Ix-xhud kompla jaghti dettalji t'incident li huwa kellu mall-Appellant meta kienu fuq xoghol Ghawdex. Mistoqsi jekk jafx b'xi hadd li gieli wegga' kagun tal-mod kif kien jopera l-krejn l-Appellant, ix-xhud wiegeb li ma jafx li qatt wegga' xi hadd.

**Adrian Zammit** xehed li huwa jahdem bhala *Crane Erector* u ilu mpjegat mas-socjeta' ntimata ghal dawn l-ahhar tmien snin. Huwa stqarr li l-Appellant kien jghajjat mieghu b'mod arroganti meta kien jaghmel xi zball. Qal ukoll li anke m'ulied id-Direttur kien ikun arroganti b'mod partikolari ma' Michael. Spjega li meta l-Appellant kien ikun irrabjat kien ihaddem il-krejn b'tali mod li kien ikun perikoluz. Qal li dawn il-burdati hziena kienu jkunu spissi. Spjega li fil-bidu huwa gieli rraporta dwar dan lis-superjuri tieghu pero' ma baqax jirraporta ghaliex kien ghalxejn.

**Stephen Gauci** xehed li huwa it-tifel il-kbir tad-Direttur u ilu jiehu hsieb ix-xoghol tal-armar u zarmar tal-krejnijiet sa mill-1999. Spjega li minkejja li l-Appellant kien *Crane Operator* tajjeb, l-attitudni xejn tajba tieghu lejn il-haddiema u nuqqas ta' stima lejn hutu wasslet sabiex jigi mitmum l-impieg tieghu.
Qal li diversi kienu d-drabi fejn hu u missieru kienu jkellmuh sabiex joqghod aktar attent kif jopera l-krejn, pero' kien jaghmel granet tajjeb u wara jerga' ghal li kien. Stqarr li episodji fejn l-Appellant kien ihaddem il-krejn b'ceru guffagni kienu jigru meta huwa ma jkunx ikkkoncentrat u kienu jkunu spissi u cjoe darba/darbtejn fil-gimgha. Stqarr pero' li r-relazzjoni tieghu mall-Appellant kienet tajba hafna.
Meta mistoqsi jekk meta gew biex jiehdu d-decizjoni li l-Appellant jitkecca mix-xoghol kienx hemm konsiderazzjoni li huwa jinghata xi kastig iehor, ix-xhud wiegeb li ma kienx il-kaz ghaliex kienu diversi d-drabi li kienu wissewh kemm verbalment u anke bil-kitba.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Joseph Brincat** ghan-nom tal-Appellant beda l-argumenti tieghu billi qal li l-klijent tieghu gie deskritt bhala li f'certu granet ikollu burdati hziena u li jidghi. Qal li moralment dan mhuwiex accettabbli izda dan irid jittiehed fic-cirkostanzi ta' fejn kien qieghed jinghad. Dwar il-funzjonament tal-krejn, Dr. Brincat qal li l-kapacita tal-Appellant giet konfermata bhala tajba izda sahaq li kien hemm kontradizzjoni fix-xhieda dwar il-frekwenza tat-traskuragni, fejn xhud qal li din kienet madwar darbtejn fil-gimgha fil-waqt li l-*Managing Director* ma kkonfermax dan.

Dwar ir-relazzjoni tal-Appellant mal-familja tal-*Managing Director* kienet mill-ahjar b'mod partikolari mat-tifel il-kbir. Mat-tifel iz-zghir, Dr.Brincat qal li dan kien daqsxejn fuq ruhu u kien kagun ta' incident bil-kliem li l-Apellant kellu mieghu li wasslet ghat-tkeccija mix-xoghol. Dr.Brincat ghalaq billi qal li l-ebda *warning* li kien qala l-Appellant ma kien jaghmel referenza fuq perikolozita ta' xoghol.

**Dr. Robert Abela** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi stqarr li ghall-kumpanija tkeccija mill-impjieg mhix decizjoni frekwenti u l-anqas felici. Dwar il-kaz, dan kien jittratta mpjegat li l-kumpanija kellha bzonnu u ma kienx kaz ta' xi hadd li riedet tehles minnu. Sahaq li ma kienetx decizjoni mehuda fis-sahna tal-mument fuq incident sporadiku izda kienet a bazi ta' dak li gara fl-ahhar xhur u fl-ahhar snin precedenti t-terminazzjoni. Il-kwistjoni li nholqot, spjega Dr. Abela kienet wahda ta' dizubbidjenza, insubordinazzjoni u mgieba hazina fuq il-post tax-xoghol. Dr. Abela ghadda biex ta' rendikont ta' diversi incidenti li fihom kien involut l-Appellant. Huwa qal li l-*Managing Director* fix-xhieda tieghu spjega li minkejja li dwar il-mod kif kien ihaddem il-krejn l-Appellant ma nhargux *warnings* pero' kienu diversi d-drabi li baghat ghalih fl-ufficcju fejn ikkoregieh u jghidlu x'qed jaghmel hazin. Dr. Abela ghalaq l-intervent tieghu billi spjega b'certu dettal li l-imgieba skoretta u l-attitudni negattiva tal-Appellant lejn is-superjuri tieghu u lejn shabu kienet mifruxa fuq perjodu ta' zmien u li wasslet ghas-sitwazzjoni fejn il-kumpanija kellha tiehu decizjoni, kontra qalba u titlef probabilment l-ahjar *crane operator* taghha, imma tibqa' ghaddejja bl-operat.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali jinnota :

- Li filwaqt li matul dan il-process inghatat stampa li l-atteggjament generali u l-prattici tax-xoghol tal-Appellant kienu kostantament negattivi, kienu darbtejn biss id-drabi fejn inhasset il-htiega li dan jigi mwissi bil-miktub. U dawn saru diversi snin qabel it-temm tal-impieg propju.

- Li waqt dan il-process l-imgieba tal-Appellant kemm lejn shabu u anke lejn is-superjuri giet sponuta bhala wahda raffa u xejn pulita, pero' ikun gust li dan jigi valorizzat fil-kuntest tal-livell edukattiv pjuttost baxx tal-Appellant.

- Li ghal nuqqasijiet li allegatament wettaq l-Appellant u li wasslu ghat-tkeccija tieghu mix-xoghol, ma gie kkunsidrat l-ebda kastig iehor.

- L-mod sommarju li bih ittiehedet id-decizjoni tat-terminazzjoni tal-impieg min-naha tas-Socjeta' ntimata.

- **Decizjoni**

It-Tribunal jifhem illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi rispettat sija min-naha tal-impjegat kif ukoll min-naha ta' min ihaddem. L-impjieg huwa istitut serjissmu fejn tigi nvoluta r-relazzjoni umana, b'mod partikolari fejn l-impjieg ikun fuq medda ta' numru ta' snin. Istitut pero', fejn id-drittijiet ghandhom jimxu *pari passu* mad-dmirijiet. U f'dan il-kuntest, it-Tribunal iqis bhala essenzjali z-zamma tal-*bon ordni* regolata minn poceduri li mhux biss jezercitaw gustizzja izda juru li tali gustizzja tkun qieghda tigi mwettqa.

Huwa veru li f'dan il-kaz li qed jigi trattat, il-komportament generali tal-Appellant b'mod partikolari l-mod goff u perikoluz li nghad li bih kien spiss jopera l-krejn, u l-atteggament regolari deskritt bhala arroganti lejn is-superjuri tieghu kienu jikkostitwixxu raguni tajba ghal-licenzjament tieghu.

Izda l-modalita kostanti tas-Socjeta' ntimata li tittratta n-nuqqasijiet riferuti bl-aktar mod legger fejn l-anqas biss ma tinghata twissija bil-miktub u jew twiddiba serja li t-tkomplija ta' tali komportament kien ser iwassal ghal tkeccija, jirrizulta b'mod car fl-abdikar tal-awtorita' taghha.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-fatt li s-Socjeta' ntimata halliet cirkostanzi jippersistu fuq medda ta' zmien, tant li mpjegat xehed li '…fil-bidu kont nirraporta mill-ewwel, imbaghad ghidt ghal xejn qed nirraporta…', dan jattenwa hafna n-nuqqasijiet tal-Appellant li seta' nterpreta l-intervent legger tal-*Management* bhala approvazzjoni tacita tal-agir irresponsabbli tieghu.

It-Tribunal jifhem u jaccetta cirkostanzi gravi fejn Principal ikun gustifikat li jtemm l-impieg ta' haddiem b'mod sommarju, pero' certament li f'din l-okkazjoni dan ma kienx il-kaz.

Fuq il-bazi tal-principju tal-proporzjonalita' fejn kull kastig moghti ghandu jkun f'bilanc mall-offiza, u tal-fatt li 'terminazzjoni tal-impieg' fil-kuntest ta'relazzjonijiet industrjali hija meqjusa bhala l-piena kapitali, dan it-Tribunal ihoss li l-kastig moghti f'dan il-kaz partikolari u cjoe t-temm tal-impieg, kien wiehed ahrax wisq, u dan meta ma gewx konsiderati pieni ohra bhal per ezempju sospensjoni mix-xoghol minghajr hlas.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gie espost f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant ma kienetx wahda gusta. F'din ic-cirkostanza t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €1,500. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**